MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# Dawn il-Mistoqsijiet u Tweġibiet għandhom jinqraw flimkien mal-Avviż Pubbliku dwar Nemea Bank plc

## *Nemea Bank plc ('il-Bank')*

## *Mistoqsijiet u Tweġibiet (Website MFSA)*

**Qed issir referenza għall-Avviz Pubbliku tal-MFSA bid-data tal-20 ta' Jannar 2017 fejn kien spjegat li l-MFSA proponiet lill-Bank Ċentrali EWropew (BĊE) biex jikkunsidra jibda l-proċess li jirtira l-liċenzja bankarja lil Nemea Bank plc. L-informazzjoni ta' hawn taħt għandha l-għan li twieġeb mistoqsijiet marbuta mal-iżviluppi li seħħew wara l-Avviż Pubbliku tal-20 ta' Jannar 2017.**

1. **X'azzjoni ttieħdet mill-MFSA mill-20 ta' JAnnar 2017 'il quddiem u x'inhu l-proċess minn issa 'l quddiem?**

L-Awtorità qed twettaq valutazzjoni skont ir-Regolament 8 tal-iSkema ta' Kumpens lid-Depożitant S.L. 371.09 tal-2015 ('ir-Regolamenti'). Għalissa, se jibqa' japplika l-moratorju preżenti fuq depożiti miżmuma mill-Bank, sakemm l-Awtorità ma toħroġx b'notifiki oħra. Sadanittant, il-Persuna Kompetenti se tibqa' responsabbli mill-assi tal-Bank.

L-Awtorità se toħroġ komunikazzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward fil-mument opportun.

2. **X'inhu l-proċess legali fl-irtirar ta' liċenzja taħt il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku?**

Kemm il-BĊE kif ukoll l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti ("NCAs") tal-Istati Membri parteċipanti fiż-żona ewro fejn istituzzjoni hija stabbilita (f'dan il-każ l-MFSA bħala l-Awtorità), għandhom id-dritt li jipproponi l-irtirar ta' liċenzja bankarja. L-NCAs jistgħu jipproponu l-irtirar ta' liċenzja bankarja lill-BĊE fuq talba tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata jew, f'każijiet oħra, fuq inizjattiva tagħhom stess skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Il-BĊE jista' jibda wkoll l-irtirar f'każijiet stipulati fil-liġijiet rilevanti tal-UE. Il-BĊE u l-NCA rilevanti jikkonsultaw fuq kull proposta ta' rtirar ta' liċenzja. Wara l-konsultazzjoni, l-entità li tkun ipproponiet (f'dan il-każ l-Awtorità) tħejji abbozz ta' deċiżjoni li fih tispjega l-iskop wara l-proposta ta' rtirar talliċenzja u li tirrifletti r-riżultati tal-konsultazzjoni. Wara dan, id-deċiżjoni finali hija f'idejn il-BĊE. Matul il-proċess kollu, l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tingħata d-dritt li tinstema' mill-BĊE.

Fil-każ ta' Nemea Bank plc, dan il-proċess twettaq u wassal biex il-BĊE jadotta deċiżjoni li jitrira l-liċenzja bankarja ta' Nemea Bank plc.

3. **Għandi depożitu mal-Bank. X'nista' nagħmel biex niġbed lura d-depożitu tiegħi?**
4. **Nista' niġbed il-flus mill-kont tiegħi?**
5. **Nista' nibgħat pagamenti mill-kont tiegħi?**
6. **Direct debits/standing orders se jibqgħu joperaw?**
7. **Nista' niġbed il-flus wara li jimmatura kont ta' depożitu fuq terminu fiss sakemm wara t-teħid tad-deċiżjoni mill-BĊE?**

Għalissa, ir-restrizzjonijiet imposta fuq il-Bank se jibqgħu fis-seħħ sakemm jingħata avviż ulterjuri. Ara Mistoqsija 2.

**8. X'se tkun il-pożizzjoni tiegħi bħala depożitant issa li l-liċenzja tal-bank ġiet irtirata?**

Għalissa, se jibqa' japplika l-moratorju preżenti fuq depożiti miżmuma mill-Bank, sakemm l-Awtorità ma toħroġx b'notifiki oħra. Sadanittant, il-Persuna Kompetenti se tibqa' responsabbli mill-assi tal-Bank.

L-Awtorità qed twettaq valutazzjoni skont ir-Regolament 8 tal-iSkema ta' Kumpens lid-Depożitant S.L. 371.09 tal-2015 ('ir-Regolamenti'). Dettalji marbuta mal-iSkema ta' Kumpens lid-Depożitant jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tal- iSkema Maltija ta' Kumpens lid-Depożitant [link], permezz tat-telefon fuq +356 21441155 jew b'email info@compensationschemes.org.mt.

**11. Jien ħadt faċilità ta' self (loan) mill-bank. Għandi nkompli nħallas lura dan is-self?**

Iva, int għandek tkompli tonora l-obbligi tiegħek kif miftehma mal-bank. It-termini ta' referenza tas-self ma inbidlux u jorbtu legalment. Jekk għandek xi mistoqsijiet f'dan ir-rigward, inti għandek tagħmel kuntatt mal-persuna kompetenti.

**12. Ma' min nista' nagħmel kuntatt biex nistaqsi dwar il-kont ta' depożitu tiegħi?**

Tista' tagħmel kuntatt mal-persuna kompetenti fuq +356 25708100.

**13. L-imgħax dovut lili se jibqa' jitħallas? Jekk iva, fejn se nirċievi dan l-imgħax?**

Iva. Kull imgħax dovut u kwalunkwe termini u kundizzjonijiet marbuta mal-kontijiet tiegħek se jibqgħu l-istess.

**14. X'inhuma l-implikazzjoni fuq is-sistema finanzjarja Maltija fl-eventwalità li l-BĊE jiddeċiedi li l-liċenzja tal-Bank għandha tkun rtirata?**

Nemea Bank huwa bank żgħir li beda jaċċetta d-depożiti mill-2011, b'assi li jammontaw għal anqas minn 60 miljun ewro. Fid-dawl tad-daqs żgħir tal-bank fil-konfront tas-settur bankarju ġenerali Malti, il-miżuri adottati mill-MFSA mhux mistennija jħallu impatt fuq is-saħħa tas-settur finanzjarju li għandu kapitali apitalizzazzjoni għolja u riżorsi adegwat.

**Indirizz:**

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta

Notabile Road

Attard BKR3000

**Email:** communications@mfsa.com.mt

**Telefon:** +356 25485700.

Tista' tagħmel kuntatt mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fuq consumerinfo@mfsa.com.mt or on +356 25485700. Agħfas hawn għal aktar għajnuna.